# MARL

# Fuljett maħruġ mill-MARL

# Għad-Dilettanti tar-Radju

# Maltin u Għawdxin

## Numru 13

April 2007

# Fiċ-Ċentru mhux







# permess tipjip

## Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Frar 2007 li hija t-12-il ħarġa ta' din is-sensiela.

Dan ifisser li b'din il-ħarġa se nagħlqu sentejn li ilna noħorġu dan il-fuljett.

Il-pjan oriġinali tal-kumitat 2005-2007 kien li dan il-fuljett ikun ippubblikat kull 4 xhur, imma rnexxilna noħorġuh kull xahrejn.

Din ma kinitx xi ħaġa faċli, għaliex għalkemm fih 11-il paġna ta' nformazzjoni, trid ħafna u ħafna ħin biex tiġbor u tirranġa l-informazzjoni qabel ma tkun tista' tużaha.

Kif kien jingħad qabel għas-servizzi, **"kieku bajda bil-widnejn jerfuha tnejn"**.

Fi kliem ieħor, kull għajnuna hija tajba u milquha tħaffef il-piż li wieħed ikollu jġorr waqt ħidmietu.

Dan jgħodd aktar għalina li aħna għaqda volontarja u l-membri kollha speċjalment il-kumitat jagħtu ħinhom u xogħolhom għall-ġid u l-iżvilupp ta' l-għaqda u l-membri tagħna.

Għalhekk nerġa' nistieden lil kull min għandu xi artikolu u/jew informazzjoni biex jgħaddielna ħalli nippruvaw anki jekk ikun possibbli li l-fuljett noħorġuh aktar ta' sikwit jew b'aktar paġni u aktar informazzjoni li tkun ta' siwi, kemm għall-membri kif ukoll għal dawk kollha li jaqraw dan il-fuljett.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## Bżieżaq Għall-Espermenti

Kien hemm xi dilettanti tar-radju li wrew interess li jesperimentaw b'antenni miżmuma vertikali permezz ta' bżieżaq.

Din tinteressa lil dawk id-dilettanti tar-radju li m'għandhomx bejt kbir fejn jagħmlu antenni speċjalment għall-frekwenzi baxxi.

Dilettanti oħra wrew interess biex jesperimentaw billi jtellgħu trasmettitur ħalli jaraw kemm imur 'il bogħod, kemm jitla' fl-għoli u anki biex isibu d-direzzjoni li jieħu.

Dan huwa esperiment interessanti speċjalmenti għal waqt il-jamboree ta' l-iscouts b'koordinazzjoni bejn gruppi differenti.

Dawn huma kollha esperimenti li wieħed jista' jagħmel kif ukoll esperimenti oħra li wieħed jista' jaħseb dwarhom.

Esperiment li wieħed jista' jagħmel huwa li jtella' ripetitur ta' saħħa baxxa u jara kemm issir komunikazzjoni u minn kemm bogħod.

Esperimenti oħra li saru minn dilettanti tar-radju barranin huwa li jtellgħu wkoll kamera tar-ritratti u anki tal-video biex jieħdu ritratti u jittrasmettu dak li jkun jidher minn dak l-għoli.

Esperimenti bħal dawn huma magħrufa bħala xjenza tat-trufijiet ta' l-ispazju minħabba li dawn il-bżieżaq jogħlew ħafna.

Fattur wieħed li huwa komuni f'dawn l-esperimenti huwa l-bżieżaq kbar li wieħed jeħtieġ ħalli jkun jista' jagħmel l-esperimenti li jixtieq.

Fattur ieħor komuni għal esperimenti l-oħra barra mill-Antenni vertikali huwa li l-

bżieżaq bl-apparat jintelqu u jibqgħu telgħin dejjem 'il fuq sakemm jinfaqgħu.

Dan ma jfissirx li l-apparat jitfarrak, għaliex ikun imqabbad ma paraxut u jkun f'kontenituri bħala ħarsien barra li jkollu apparat ieħor li jittrasmetti sinjali biex jinstab fejn ikun niżel.

Biex wieħed jieħu eżempju ta' xi jsir pajjiżi oħra, se nagħtikom indirizz ta' paġna ta' l-internet dwar dan is-suġġett.

Din hija http://www.eoss.org/ u hija paġna interessanti dwar esperimenti li jagħmlu dilettanti tar-radju Amerikani.

Żuruha u taraw kemm hija interessanti. Issibu wkoll ħoloq dwar bżieżaq u affarijet oħra li tkun teħtieġ jekk trid tesperimenta.

La qegħdin fuq l-affarijiet ta' l-ispazju, qegħdin isiru satelliti żgħar, ta' daqs ta' 4 x4x4 pulzieri minn numru ta' universitajiet. Dawn is-satelliti huma msejħa cubesats.

Ħafna minn dawn is-satelliti qed isiru flimkien ma', u jużaw frekwenzi tad-dilettanti tar-radju.

Wieħed jista' jidħol fuq il-paġna ta' l-internet dwar dawn is-satelliti biex jikseb aktar informazzjoni dwarhom. Din hija, http://cubesat.atl.calpoly.edu/

Lista ta' ftit minn dawn is-satelliti flimkien ma dettalji oħra u ħoloq ta' l-internet tinsab ukoll fuq il-paġna ta' l-internet ta' W0RPK li hija, http://showcase.netins.net/web/wallio/ u jsib il-ħolqa li tieħdu għall-paġna CubeSat.htm.

Wieħed jara li hemm ħafna universitajiet li qegħdin jesperimentaw permezz ta' dawn is-satelliti li jiġu madwar $75,000 inkluż it-tlugħ tagħhom.

L-Universita' ta' Malta ma titħajjarx tagħmel xi waħda flimkien magħna?

**Lawrence**
**9H1AV / 9H9MHR**

## L-Użu tar-Radju fil-Vetturi

Ħafna dilettanti tar-radju ġieli jkunu mħassba jekk ikunux qegħdin jiksru xi regolament tat-traffiku meta jkunu qed jużaw l-apparat tar-radju tagħhom mill-vettura tagħhom.

Dan huwa speċjalment ta' tħassib minħabba n-numru kbir ta' wardens għassa għall-iċken żball li wieħed jista' jagħmel.

Għalhekk tajjeb li tkunu tafu li l-użu ta' apparat tar-radju huwa permess minn vetturi skond regolament speċifiku tat-traffiku.

Hawnhekk qiegħed nirreferi għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 bit-titolu **"Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur"**, ippubblikata fis-27 ta' Settembru, 1994, u sussegwentament amendata numru ta' drabi.

Hawnhekk qiegħed nagħmel kopja tal-partijiet relevanti tagħha. Ikun għaqli li żżommu kopja magħkom ħalli jekk ikun hemm min iwaqqafkom tkunu tistgħu tiġbdulu l-attenzjoni għal dan ir-regolament u jekk jibqa' jinsisti għidulu li se żżommuh personalment risponsabbli għad-danni kollha.

Jiena se nagħtikom l-Artiklu 115 ta' dawn ir-regolamenti li huwa l-artiklu relevanti għall-għanijiet tagħna kif ukoll id-daħla ta' dawn ir-regolamenti.

Kif wieħed jista' jara, dawn ġew emendati din is-sena permezz ta' l-Avviż Legali numru 3 ta' l-2007.

B'hekk l-affarijiet ġew iċċarati dwar l-użu ta' apparat tar-radju. Jagħtu wkoll l-opportunita' biex anki ssir sfida jekk wieħed jeħel xi ċitazzjoni dwar l-użu ta' telefon ċellulari, imma dawk huma argumenti għal quddiem Qorti.

**LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 65.11 REGOLAMENTI DWAR IL VETTURI BIL-MUTUR**
27 ta' Settembru, 1994

*L-AVVIŻ LEGALI 128 ta' l-1994, kif emendat bl-Avviżi Legali 92, 98, 109 u 149 ta' l-1995, 1 u 234 ta' l-1997, 125 u 268 ta' l-1998, 68, 85 u 174 ta' l-1999 u 206 of 2000, 91 ta' l-2001, 58, 191, 236, 322 u 335 ta' l-2002, 93, 146, 162 u 407 ta' l-2003, 104, 156, 386, 400 u 476 ta' l-2004, 44 ta' l-2006, u 3 ta' l-2007.*

Użu ta' telefon ċellulari u apparat ieħor.
*Sostitwit: A.L. 3 ta' l-2007.*

**115. (1) Ebda persuna ma għandha ssuq vettura bil-mutur waqt li dik il-persuna jkollha jew tkun qiegħda tuża ma' widnejha t-tnejn *earphones* jew *headphones* jew xi mezz ieħor li jista' jfixkilha jew x'aktarx ifixkilha milli tisma' sew.**

<u>Kummenti</u>

Hawnhekk għandna l-eżenzjoni ta' l-użu ta' telefon ċellulari jekk tkun qed tintuża earphone jew headphone waħda, għaliex dan il-provvediment qiegħed jagħmel ċar li huwa l-użu ta' earphones jew headphones maż-żewġ widnejn li huwa pprojbit.

Dan huwa mistenni għaliex jekk ikollok earphones jew headphones f'widnejk it-tnejn ma tkunx tista' tisma sewwa t-traffiku jew sinjali li jkun qiegħed jagħmel it-traffiku.

Niġu issa għas-subartiklu 2 ta' dan l-artiklu. Dan jipprovdi li,

**(2) Ebda persuna ma għandha ssuq vettura bil-mutur fit-triq jekk dik il-persuna tkun qiegħda żżomm u, jew tuża b'idejha telefon ċellulari jew xi apparat simili ieħor li jinżamm fl-idejn, <u>minbarra apparat li ma jinżammx fl-idejn jew radju *two-way*</u>, filwaqt li l-vettura tkun miexja.**

<u>Kummenti</u>

Hawnhekk tajjeb li neżaminaw aktar bir-reqqa dan il-provvediment.

L-ewwel ma hemm hija projbizzjoni li telefon ċellulari jew xi apparat simili ieħor li jinżamm fl-idejn ma jistax jintuża.

Taħt **"apparat simili ieħor li jinżamm fl-idejn"** wieħed jista' jdaħħal apparat personali bħal ma huwa dak li jdoqq diski mp3, radjijiet tal-but personali bħal dawk li jużaw earphones u apparat bħalhom.

Dan għaliex biex tħaddimhom, tgħolli jew tbaxxi l-volum, tfittex stazzjonijiet, eċċ. trid iżżommhom f'idejk.

Imma mbagħad hemm l-eżenzjoni, u hawn nirreferi għall-ewwel parti tagħha, fejn jingħad **"minbarra apparat li ma jinżammx fl-idejn."**

Dan ifisser li jekk ikollok apparat li jħallik tuża t-telefon ċellulari bla ma żżommu f'idejk, u apparat bħal dan wieħed jista' jsibu, inti tista' tuża t-telefon ċellulari.

Imma l-parti li għandha x'taqsam mad-delizzju tagħna hija fejn jingħad **"jew radju two-way."**

Dan ifisser li jekk ikollna **"radju two-way"** kif normalment huwa l-apparat li nużaw aħna, dan jista' jintuża mis-sewwieq waqt li l-vettura tkun miexja.

Il-kwistjoni li tqum hawnhekk hija x'tip ta' **"radju two-way"** jista' jintuża, jekk huwiex biss dak li normalment ikun imwaħħal mal-vettura jew anki dak li nżommu f'idejna.

L-interpretazzjoni u l-opinjoni tiegħi hija li jista' jintuża kull **"radju two-way"**, **kemm jekk ikun radju two-way ta' l-idejn,** kif ukoll jekk ikun **radju two-way li jitwaħħal fil-vettura** u jitħaddem permezz tal-mikrofonu li jinżamm fl-idejn.

Id-distinzjoni hija li l-kliem **"radju two-way"** ma huwiex kwalifikat li ma jistax jinżamm fl-idejn bħal ma huwa kwalifikat il-kliem **"telefon ċellulari jew xi apparat simili ieħor li jinżamm fl-idejn"**, tant hu hekk li huwa distint minn telefon ċellulari u apparat ieħor li jinżamm fl-idejn u huwa eżenti mill-projbizzjoni.

Il-kliem eżatt ta' l-eżenzjoni mill-projbizzjoni huma **"minbarra apparat li ma jinżammx fl-idejn jew radju *two-way*."**

Dan ifisser li sewwieq jista' juża kull apparat li ma jinżammx fl-idejn u kull **"radju two-way"** waqt li l-vettura tkun miexja.

Apparat li normalment jitwaħħal fil-karozza u ma jinżammx fl-idejn normalment jitħaddem billi nużaw il-mikrofonu f'idejna, u minħabba li huwa **"radju two-way"** hemm l-eżenzjoni msemmija.

F'dan il-każ, ir-**"radju two-way"** ma jinżammx fl-idejn, imma huwa l-mikrofonu li bilfors irid jinżamm fl-idejn biex l-apparat ikun jista' jitħaddem.

Dan il-provvediment huwa tajjeb għalina u kellu jiddaħħal minħabba n-numru kbir ta' apparat tar-**"radju two-way"** li ġie mwaħħal fit-taxis, karozzi tal-linja, ambulanzi u vetturi oħra kummerċjali inklużi dawk tal-forzi tas-sigurta`.

Tajjeb għalhekk li żżommu kopja ta' dawn ir-Regolamenti u speċifikament l-Artiklu 115 magħkom għal li jista' jinqala.

La qegħdin fuq it-traffiku ikun aħjar li nagħti ftit tagħrif interessanti b'mod ġenerali.

Jekk xi ħadd jirċievi xi avviz dwar allegat att jew ommissjoni u dan jintbagħat bil-posta aktar minn jumejn wara li jkun sar l-allegat att jew ommissjoni, dan l-avviż ma jkunx jgħodd.

Dan skond l-Avviż Legali numru 350 tas-sena 2004 li jipprovdi li,

***Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,617, 2 ta' Lulju, 2004Taqsima B***

**A.L. 350 ta' l-2004**

**ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA (KAP. 291)**

**Regolamenti ta' l-2004 dwar in-Notifika ta' Avviż bil-Posta**

**BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl artikolu 13 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:**

**3. (1) L-avviż imsemmi fl-artikolu 14(2) ta' l-Att prinċipali għandu jingħata bl-idejn lil min ikun suspettat li għamel reat skedat filwaqt li dik il-persuna tinkixef qegħda tagħmel dak l-att jew ommissjoni li jagħti lok għal suspett.**

**(2) Meta -**

**(a) għal xi raġuni minn dawk stipulati fil-paragrafu (3) ma tkunx ħaġa prattika li l-avviż jingħata lill-persuna kif hawn qabel imsemmi jew li l-avviż jitwaħħal skond ma hemm provdut fl-artikolu 14(2) ta' l-Att prinċipali; jew**

**(b) il-persuna tinqabad qegħda tagħmel l-att jew l-ommissjoni li tagħti lok għal suspett fuq xi filmat jew fotografija miġbuda permezz ta' *close circuit television*,**

**l-uffiċjal awtorizzat għandu jiżgura li fi żmien jumejn mill-ġurnata meta l-persuna tkun inqabdet qegħda tagħmel l-att jew l-ommissjoni li tagħti lok għal suspett, l-avviż għandu jintbagħat bil-posta lil dik il-persuna.**

Subartikolu 3 jgħid x'inhuma r-raġunijiet għaliex l-aviż jintbagħat bil-posta, imma l-aktar li jinteressana huwa subartikolu 4 ta' l-Artikolu 3.

**(3) Ir-raġunijiet imsemmija fil paragrafu (2) huma dawn li ġejjin:**

**(a) minħabba f'distanza, sewqan b'veloċità eċċessiva, sewqan perikoluż jew għal kull raġuni serja oħra;**

**(b) meta fl-eżerċizzju ta' dmirijietu taħt l-artikolu 14(2) ta' l-Att prinċipali l-uffiċjal awtorizzat jiġi mhedded, aggredit jew insultat jew inkella jiġi xort' oħra konfrontat b' imġieba ostili.**

**(4) L-avviż imsemmi fil-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament għandu, minbarra l-informazzjoni meħtieġa bl-artikolu 14(2) ta' l-Att prinċipali, jinkludi kull fatt li wassal lill-uffiċjal awtorizzat biex joħroġ l-avviż, kif ukoll ir-raġunijiet għaliex l-avviż ma jkunx ġie notifikat filwaqt li l-persuna tkun instabet qegħda tagħmel l-att jew l-ommissjoni li jagħti lok għal suspett.**

Dan ifisser li mhux biss l-avviż irid ikun intbagħat fi żmien jumejn mill-ġurnata li l-persuna tkun suspettata li għamlet l-allegat att jew ommissjoni, imma fl-avviż trid tingħata l-informazzjoni kif hemm imniżżel fis-subartikolu 4 ta' l-Artikolu 3.

Dan diġa' kien hemm każ fejn il-persuna ġiet liberata minħabba li ma kienx hemm id-dettalji mitluba mis-subartikolu 4.

Biex tifhmu eżatt, jekk l-allegat att jew ommissjoni tkun saret it-Tlieta, l-avviż irid jintbagħat mhux aktar mill-Ħamis.

Għalhekk huwa mportanti li taraw it-timbru tal-posta fuq l-envelop biex taraw jekk l-avviż ikunx intbagħat fi żmien jumejn u jekk le tkunu tistgħu turuh bħala prova li l-avviż ma ntbagħatx fil-ħin ipprovdut mil-liġi u għalhekk huwa null, fieraħ u mhux validu.

Nittama li l-ewwel nett ma tiġux bżonn li tużaw din l-informazzjoni, imma jekk ikollhom ħtieġa għaliha ssibuha siewja.

Waqt li jiena għamilt kopja tal-partijiet relevanti ta' dawn ir-Regolamenti, nissuġġerixxi li tniżżlu kopja uffiċjali tagħhom mill-paġna ta' l-internet tal-Gvern.

L-Avviż Legali 3/2007 dwar l-użu ta' radju two-way tistgħu tniżżluh minn fuq http://www.doi.gov.mt/EN/legalnotices/2007/01/LN3.pdf

L-Avviż Legali 350/2004 tistgħu tniżżluh minn fuq http://www.doi.gov.mt/EN/legalnotices/2004/07/LN350.pdf

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## WRC

F'Marzu iltaqgħet laqgħa preparatorja għall-Konferenza Dinjija tar-Radju li għandha ssir aktar tard din is-sena.

Fuq l-aġenda ta' din il-Konferenza Dinjija hemm proposta biex id-dilettanti tar-radju madwar id-dinja jingħataw allokazzjoni sekondarja fuq il-frekwenza ta' 136 kHz.

Inthom tafu kemm ilna nitolbu l-awtoritajiet Maltin biex aħna ningħaqdu ma dawk il-pajjiżi, li hemm madwar 40 minnhom, li diġa' taw snin ilu allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju tagħhom.

Jekk il-Konferenza Dinjija tiddeċiedi li tagħti din l-allokazzjoni, l-awtoritajiet qalulna kemm-il darba li lesti jqisu t-talba tagħna favorevolment.

Nittamaw li l-ewwel nett din il-Konferenza Dinjija tagħti l-allokazzjoni mitluba, u li wara l-awtoritajiet Maltin ma jsibu l-ebda problema biex anki aħna ningħaqdu mal-kumplament tad-dinja u ningħataw allokazzjoni bħal din.

Quddiem l-istess Konferenza Dinjija hemm ukoll talba biex issir allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju fuq il-5 Mhz u anki biex uffiċjalment l-allokazzjoni fuq is-7 Mhz issir bejn 7 MHz u 7.3MHz madwar id-dinja kollha.

## 500 kHz

Għandkom tkunu tafu li għalkemm għamilna t-talbiet tagħna għal permess biex nużaw din il-frekwenza numru ta' drabi, aħna mhux se ningħataw permess jekk ma jkunx hemm allokazzjoni mill-Konferenza Dinjija tar-Radju ta' l-Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU).

Aħna niġbdu l-attenzjoni tagħkom li minbarra numru ta' dilettanti tar-radju Amerikani, mill-1 ta' Marzu dilettanti tar-radju Ingliżi jistgħu jitolbu permess biex

ikunu jistgħu jesperimentaw fuq din il-frekwenza.

Għalkemm għal issa dan il-permess ingħata għal sena bħala prova, m'hemmx dubju li dan se jwassal biex ikun hemm allokazzjoni permanenti.

Saru wkoll applikazzjonijiet mill-Irish Radio Transmitters Society (IRTS) ta' l-Irlanda[1], mill-Wireless Institute of Australia (WIA)[2], waqt li ingħata permess lil dilettant tar-radju fil-Ġermanja u fl-Isvezja[3] għalissa sa' l-aħħar ta' Novembru 2007.

Tajjeb li tkunu tafu li d-dilettanti tar-radju Ingliżi diġa' nstemgħu minn Spanja u l-Isvezja minkejja li għandhom saħħa tat-trasmettitur żgħira.

## Qisien

Ħafna dilettanti tar-radju jafu l-formola biex wieħed isib it-tul ta' mewġa f'metri, li hija 300/F, fejn F hija l-frekwenza f'MHz.

M'hemmx dubju li kulħadd jiftakar anki kif wieħed isib it-tul ta' kwart ta' mewġa biex jagħmel antenna ta' kwart ta' mewġa, jiġifieri 234/F, fejn F hija wkoll il-frekwenza f'MHz.

Għal antenna ta' nofs mewġa tista' jew tagħmel 468/F fejn F hija wkoll il-frekwenza f'MHz, jew jekk tkun sibt il-qies ta' kwart ta' mewġa sempliċiment tirduppjah.

Biex niffrankalkom li toqgħodu taħdmu l-qisien, se nagħtikom tabelli li juru l-frekwenza, kemm hija l-mewġa f'metri, it-tul ta' kwart ta' mewġa, u t-tul ta' nofs mewġa.

Dawn it-tabelli huma kkalkulati għal frekwenzi differenti ħalli jekk tkunu tridu taqtgħu xi antenna vertikali jew dipol għal frekwenza partikolari tkunu tistgħu.

Dawn huma ikkalkulati fuq antenni magħmula mill-fil, għaliex jekk tużaw tubi ta', bħala eżempju, aluminju, il-qies ikun xi ftit iżgħar minħabba l-ħxuna tat-tubi meta mqabbla mal-fil.

Fil-prattika ssibu li ftit pulzieri fuq frekwenzi baxxi ma tantx jagħmlu differenza kbira għaliex l-antenna ma tantx tkun fil-għoli u aktarx li l-qisien ikunu xi ftit itwal milli meħtieġ, kif ukoll għal raġuni oħra li naraw aktar 'il quddiem.

Madankollu, kull antenna tkunu tridu tintonawha fil-post ħalli ssibu l-qies eżatt minħabba fatturi differenti li jvarjaw minn post għall-ieħor.

Aktar ma nitilgħu fil-frekwenza aktar tinnutaw li differenzi żgħar jagħmlu effett akbar minħabba li l-qies ta' l-antenna jiċkien.

Din malajr tiftiehem jekk taraw kif waqt li pulzier f'1000 pulzier huwa biss **0.1%,** pulzier f'100 pulzier huwa 1% u pulzier f'10 pulzieri huwa 10%.

Għalhekk, fil-prattika aktar tridu toqgħodu attenti u tnaqqsu jew iżżidu ftit ftit biex tintonaw l-antenna aktar ma l-frekwenza tkun għolja.

Fit-tabelli jista' jkun li l-figuri ma jiġux eżatt għaliex il-frazzjonijiet ta' pulzieri fil-prattika ma tantx tista' tkejjilhom jekk ma tkunx qed tuża tubi, imma jkollok tirranġa l-antenna skond il-post bil-mod il-mod.

Għalkemm għalissa għad m'għandniex allokazzjoni fuq il-frekwenzi ta' 136 kHz, 500 kHz, 5.2 MHz u 70 MHz, se nagħti wkoll il-qisien għal dawn il-frekwenzi.

Jekk taħdmuhom tistgħu ssibu li xi qisien ma jkunux eżatt, għaliex jekk ikun hemm pulzier u kwart niżżilt pulzier u jekk pulzier u tliet kwarti niżżilt żewġ pulzieri.

Madankollu, fuq il-frekwenzi baxxi partjiet ta' pulzier mhux se jagħmlu differenza, waqt li fuq frekwenzi għolja xorta waħda tridu tintunaw l-antenna.

[1] http://www.irts.ie/cgi/showarchive.cgi?060723.txt
[2] http://www.wia.org.au/news/2007/20070214-01.php
[3] Gus, SM6BHZ, (Bernt Gustafson) (505 kHz)

**L-ewwel kolonna hija l-frekwenza.**
**It-tieni kolonna hija t-tul tal-mewġa f’metri.**
**It-tielet kolonna huwa t-tul ta’ kwart ta’ mewġa f’piedi u pulzieri.**
**L-aħħar kolonna huwa t-tul ta’ nofs mewġa f’piedi u pulzieri.**

L-allokazzjoni tal-frekwenza tal-136 kHz hija minn 135.7 kHz sa 137.8 kHz.

| F kHz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 135 | 2222.22 | 1733’4” | 3466’8” |
| 136 | 2205.88 | 1720’7” | 3441’1 |
| 137 | 2189.78 | 1708’ | 3416’7” |

L-allokazzjoni fuq 500 kHz s’issa hija lejn 501 kHz – 510 kHz

| F kHz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 500 | 600 | 468 | 936’ |
| 505 | 594 | 463’4” | 926’8” |
| 510 | 488.235 | 458’10” | 917’8” |
| 515 | 582.52 | 454’4” | 908’8” |

L-allokazzjoni fuq il-160 metru hija bejn il-1.810 Mhz sa 2 Mhz

| F MHz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 1.810 | 165.74 | 129’3” | 258’7” |
| 1.825 | 164.38 | 126’5” | 252’11” |
| 1.85 | 162.16 | 126’5” | 252’11” |
| 1.875 | 160 | 124’10” | 249’7” |
| 1.9 | 157.89 | 123’2” | 246’4” |
| 1.925 | 155.84 | 121’7” | 243’1” |
| 1.95 | 153.85 | 120 | 240 |
| 1.975 | 151.89 | 118’5” | 236’11” |

L-allokazzjoni fuq it-80 metru hija bejn 3.5 Mhz – 3.8 Mhz.

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 3.525 | 85.1 | 66’4’’ | 132’7’’ |
| 3.55 | 84.5 | 65’11’’ | 131’10’’ |
| 3.575 | 83.92 | 65’5’’ | 130’11’’ |
| 3.6 | 83.33 | 65’ | 130’ |
| 3.625 | 82.76 | 64’6’’ | 129’ |
| 3.65 | 82.2 | 64’1’’ | 128’2’’ |
| 3.675 | 81.63 | 63’8’’ | 127’4’’ |
| 3.7 | 81.08 | 63’3’’ | 126’6’’ |
| 3.725 | 80.54 | 62’10’’ | 125’8’’ |
| 3.75 | 80 | 62’5’’ | 124’10’’ |
| 3.775 | 79.47 | 61’11’ | 123’11’’ |

L-allokazzjoni l-aktar komuni fuq is-60 metru hija bejn 5.25 MHz sa 5.45 MHz

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 5.25 | 57.14 | 44’7’’ | 89’1’’ |
| 5.275 | 56.87 | 44’4’’ | 88’8’’ |
| 5.3 | 56.6 | 44’2’’ | 88’4’’ |
| 5.325 | 56.34 | 43’11’’ | 87’10’’ |
| 5.35 | 56.07 | 43’9’’ | 87’6’’ |
| 5.375 | 55.81 | 43’6’’ | 87’ |
| 5.4 | 55.55 | 43’4’’ | 86’8’’ |
| 5.425 | 55.29 | 43’2’’ | 86’4’’ |
| 5.45 | 55.05 | 42’11’’ | 85’10’’ |

L-allokazzjoni hija bejn 7 MHz u 7.2 MHz. Fuq l-aġenda tal-Konferenza Dinjija tar-Radju hemm proposta biex titkabbar sa 7.3 MHz mad-dinja kollha.

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 7.025 | 42.7 | 33’4’’ | 66’8’’ |
| 7.05 | 42.55 | 33’2’’ | 66’4’’ |
| 7.075 | 42.4 | 33’1’’ | 66’2’’ |
| 7.1 | 42.25 | 32’11’’ | 65’10’’ |
| 7.125 | 42.1 | 32’10’’ | 65’8’’ |
| 7.15 | 41.96 | 32’8’’ | 65’5’’ |
| 7.175 | 41.81 | 32’7’’ | 65’2’’ |
| 7.2 | 41.66 | 32’6’’ | 65’ |
| 7.225 | 41.52 | 32’4’’ | 64’9’’ |
| 7.25 | 41.38 | 32’3’’ | 64’6’’ |
| 7.275 | 41.24 | 32’2’’ | 64’4’’ |

L-allokazzjoni fuq it-30 metru hija bejn 10.1 MHz sa 10.15 MHz

| F MHz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 10.125 | 29.63 | 23’1’’ | 46’2’’ |

L-allokazzjoni fuq l-20 metru hija bejn 14 MHz u 14.35 MHz.

Innutaw li fuq frekwenzi differenti hemm l-istess qisien. Dan jiġri minħabba li fil-kalkolazzjoni jkun hemm partijiet ta’ pulzier.

Dan ifisser ukoll li differenza żgħira fil-qies tagħmel differenza sostanzjali fl-intunar ta’ l-antenna u l-swr u għalhekk tridu toqogħdu attenti biex tintunaw eżatt l-antenna fuq il-frekwenza li tkunu tridu.

Madankollu, dan ifisser ukoll li l-frekwenzi fejn ikollok swr baxx ikunu akbar minn fuq frekwenzi baxxi fejn differenza żgħira fil-frekwenza tagħmel

differenza kbira fil-qies ta' l-antenna kif tistgħu tippruvaw inthom stess

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 14.025 | 21.39 | 16'8'' | 33'4'' |
| 14.05 | 21.35 | 16'8'' | 33'4'' |
| 14.075 | 21.3 | 16'7'' | 33'3'' |
| 14.1 | 21.28 | 16'7'' | 33'2'' |
| 14.125 | 21.24 | 16'7'' | 33'1'' |
| 14.15 | 21.2 | 16'6'' | 33' |
| 14.175 | 21.16 | 16'6'' | 33' |
| 14.2 | 21.13 | 16'6'' | 32'10' |
| 14.225 | 21.09 | 16'5'' | 32'10'' |
| 14.25 | 21.05 | 16'5'' | 32'10'' |
| 14.272 | 21.02 | 16'5'' | 32'9'' |
| 14.3 | 20.98 | 16'4'' | 32'9'' |
| 14.325 | 20.94 | 16'4'' | 32'8'' |

L-allokazzjoni fuq is-16-il metru hija bejn 18.068 MHz u 18.168 MHz

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 18.093 | 16.58 | 12'11'' | 25'10'' |
| 18.118 | 16.55 | 12'11' | 25'10'' |
| 18.143 | 16.54 | 12'11'' | 25'9'' |

L-allokazzjoni fuq il-15-il metru hija bejn 21 MHz u 21.45 MHz

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 21.025 | 14.269 | 11'1'' | 22'3'' |
| 21.05 | 14.25 | 11'1'' | 22'3'' |
| 21.075 | 14.24 | 11'1'' | 22'2'' |
| 21.1 | 14.22 | 11'1'' | 22'2'' |
| 21.125 | 14.2 | 11'1'' | 22'2'' |
| 21.15 | 14.18 | 11'1'' | 22'1'' |
| 21.175 | 14.17 | 11' | 21'1'' |
| 21.2 | 14.15 | 11' | 22'1'' |
| 21.225 | 14.13 | 11' | 22' |
| 21.25 | 14.11 | 11' | 22' |
| 21.275 | 14.1 | 11' | 22' |
| 21.3 | 14.08 | 11' | 22' |
| 21.325 | 14.07 | 11' | 21'11'' |
| 21.35 | 14.05 | 10'11'' | 21'11'' |
| 21.375 | 14.03 | 10'11'' | 21'11'' |
| 21.4 | 14.02 | 10'11'' | 21'10'' |
| 21.425 | 14 | 10'11'' | 21'10'' |

L-allokazzjoni fuq it-12-il metru hija bejn 24.890 MHz sa 24.990 MHz

| FMhz | M | 1/4W | 1/2W |
|---|---|---|---|
| 24.915 | 12.04 | 9'5'' | 18'9'' |
| 24.94 | 12.03 | 9'5'' | 18'9'' |
| 24.965 | 12.01 | 9'4'' | 18'8'' |

Inkomplu darb'oħra

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## L-Elezzjoni tal-Kumitat

Kif jafu ħafna mill-membri tagħna, u suppost il-membri kollha jafu, din is-sena kien imiss li ssir l-elezzjoni għall-ħatra tal-kumitat tal-MARL.

Għall-elezzjoni ġew nominati 10 kandidati li minnhom riedu jitilgħu 9.

Mill-kumitat li kien hemm qabel spiċċa Robin, 9H1ZZ, li minn floku daħal Domenic, 9H1M.

Dan ma jfissirx li min ma jibqax fil-kumitat ma jkunx għamel xogħolu, imma kellhom jintagħżlu 9 u xi ħadd kellu jibqa' barra.

Niġbdu l-attenzjoni tagħkom għal dak li jgħid l-istatut tal-MARL dwar il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

Qed nagħmlu dan għaliex kien hemm xi wħud li ħarġu diżappuntati minħabba li ma setgħux jivvutaw għaliex ma kienux ħallsu s-sħubija tagħhom skond kif jingħad fl-istatut.

Aħna ġbidna kemm-il darba l-attenzjoni tagħkom li s-Segretarju Finanzjarju jkun qiegħed jistenniekom ħalli tħallsu s-sħubija qabel tibda l-Laqgħa Ġenerali Annwali.

Jekk wieħed jara l-fuljett ta' Frar 2007 jara li fl-Attivitajiet tal-MARL hemm imniżżel dan li ġej.

**Miżata tas-Sħubija**
**Il-ħlas tas-sħubija għas-sena 2007 beda. Is-Segretarju Finanzjarju sejjer ikun qiegħed jistennikom biex tħallsu Lm10.0 tas-sħubija tagħkom.**

**Tinsewx li min ma jkunx ħallas ma jkunx jista' jivvota għall-kumitat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.**

L-istess għamilna fil-Fuljett ta' Diċembru 2006, fejn konna ġbidna l-attenzjoni tagħkom dwar il-miżata tas-sħubija kif ġej.

**Laqgħa Soċjali tas-Sena**
**Il-Kumitat jixtieq jinforma lill-membri li l-laqgħa soċjali ta' kull sena se ssir fiċ-ċentru tal-MARL nhar il-Ħadd, 7 ta' Jannar, 2007, fl-10.00. Ikun hemm ukoll ikel u xorb.**

**Miżata tas-Sħubija**
**Is-Segretarju Finanzjarju ikun qiegħed jistennikom biex tħallsu Lm10.00 tas-sħubija tagħkom għas-sena 2007.**

**Tinsewx li min ma jkunx ħallas ma jkunx jista' jivvota għall-kumitat fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.**

Kif tistgħu taraw, is-Segretarju Finanzjarju kien ukoll għad-dispożizzjoni ta' min ried iħallas mhux biss kull meta jiftaħ iċ-Ċentru, imma anki waqt il-laqgħa soċjali.

Minkejja dan, kien hemm membri li ġew għal-laqgħa soċjali li la ħallsu s-sħubija tas-sena 2006 u lanqas tas-sena 2007.

Naħsbu li kulħadd jaf kemm spejjeż u ħlasijiet għandna biex inżommu ċ-ċentru u ma naħsbux li l-membri ma japprezzawx dak li l-MARL tagħmel għalihom.

Għalhekk ma naħsbux li nkunu qed nistennew ħafna jekk nistennew li l-membri jħallsu s-sħubija tagħhom biex inkunu nistgħu nżommu ċ-Ċentru u permezz tal-MARL nkomplu nagħtu s-servizz tagħna għall-ġid tad-dilettanti tar-radju.

Ftakru li jekk ma jkollniex l-Għaqda tagħna biex tiddefendi l-interessi tagħna speċjalment bil-pressjoni kummerċjali li hemm illum mhux biss ma niksbux allokazzjonijiet ġodda u affarijiet ġodda, imma malajr nistgħu nitilfu dak li għandna bħalissa.

Ftakru li aktar ma jkollna membri aktar inkunu nistgħu nersqu b'wiċċna minn quddiem u b'aktar saħħa meta mmorru nitkellmu ma' l-awtoritajiet.

Għalhekk inħossu li kull dilettant tar-radju f'Malta għandu jkun membru tal-MARL li hija l-unika għaqda f'Malta għad-dilettanti tar-radju u jħallas is-sħubija regolarment jekk irid li nibqgħu ngawdu d-delizzju tagħna.

Dwar dak li jgħid l-istatut, konna ppubblikajna l-istatut fuq dan il-fuljett ħalli kulħadd ikun jista' jkollu u jżomm kopja tiegħu.

Għalhekk biex infakkrukom, se nerġgħu nagħtukom il-punt **6.5.4** ta' l-istatut li huwa dwar l-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali.

**6.5.4 L-aġenda tal-laqgħa ġenerali għandha tinkludi fost oħrajn:**

> **Qari, diskussjoni u approvazzjoni tal-minuti.**
> **Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-rapport amministrattiv.**
> **Qari, diskussjoni u approvazzjoni tar-rapport finanzjarju.**
>
> **Ħatra ta' Awditur.**

**Għandha tispeċifika illi jistgħu jieħdu sehem fid-diskussjoni u fil-votazzjoni dawk il-membri BISS li jkunu mħallsa sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, u li jkunu ġeddew is-sħubija tagħhom għas-sena 'l ġdida sal-bidu tal-laqgħa.**

Nittamaw li b'hekk iċċarajna l-affarijiet u l-membri jieħdu ħsieb li jħallsu s-sħubija tagħhom qabel tibda l-Laqgħa Ġenerali ħalli ma jkunux diżappuntati.

Il-kumitat il-ġdid radd ħajr lill-membri tal-MARL waqt li radd ukoll ħajr lil Robin għax-xogħol siewi li għamel fil-QSL bureau.

Il-kumitat talab lil Robin li aċċetta biex jibqa' jieħu ħsieb it-tqassim tal-kartolini QSL.

Robin se jkomplu jieħu ħsieb li jqassam il-kartolini QSL fil-kaxxi tal- membri waqt li jirranġa l-kartolini li jkunu jridu jintbagħtu.

Id-differenza hija li fuq talba tiegħu stess, huwa mhux se jkollux x'jaqsam aktar mal-flus, li se jkunu risponsabbilta' tas-segretarju finanzjarju.

Nittamaw li l-membri jieħdu aktar ħsieb li jħallsu s-sħubija tagħhom fil-ħin, kemm biex l-għaqda tagħna timxi 'l quddiem u kemm biex ma jerġgħux jiddiżappuntaw ruħhom.

Aħna nistiednu wkoll lill-membri biex jieħdu aktar sehem f'dak li jkun irid isir fiċ-Ċentru tagħna billi kulħadd imidd idejgħ fejn ikun jaf.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## SPAM

Ħafna li jużaw l-internet u għandhom e-mail jafu u jgergru kemm jirċievu e-mails li jdejjquhom, imsejħa spam.

Għandek għażla li jew taqbad u tħassarhom, jew tista' tibgħat kopja tagħhom lejn indirizz tal-Gvern Amerikan fejn jekk ikunu mibgħuta mill-Amerika jieħdu passi kontrihom.

Dan l-indirizz huwa spam@uce.gov

Tistgħu ukoll tieħdu l-indirizz e-mail ta' kull wieħed minnhom u tagħmlu kull e-mail cc lill-indirizzi l-oħra kollha.

B'hekk, kull wieħed minhom jirċievi l-indirizzi ta' l-oħrajn u jibda' jibgħatilhom l'e-mails lilhom ukoll.

Naħseb li jekk nagħmlu hekk malajr jibdew jiddejqu huma wkoll għaliex l-inbox ta' l'e-mail tagħhom malajr tibda tintela.

B'hekk aħna inkunu qed nużaw is-sistema tagħhom u nkunu qed nisfurzawhom li jimblokkaw is-sistema ta' l'e-mails ta' xulxin.

**Lawrence 9H1AV / 9H9MHR**

## Ċertifikati tal-MARL

Waqt li hemm ħafna nies li jafu li l-MARL għandha ċertifikati għal dawk li jikkwalifikaw għalihom, jista' jkun hemm xi wħud, speċjalment dilettanti tar-radju ġodda, li ma jafux dwarhom.

Għalhekk ħsibt biex nagħtikom dettalji dwarhom biex min jinteressah ikun jista' jaħdem għalihom.

Dawn id-dettalji ssibuhom ukoll fuq il-paġna ta' l-internat tagħna fuq http://www.9h1mrl.org

L-ewwel wieħed li jidher hawn taħt huwa magħruf bħala **"All Malta Award"**, jiġifieri li biex tikkwalifika għalih trid tkun ħdimt numru ta' stazzjonijiet mill-Gżejjer Maltin.




Biex tapplika għal dan iċ-ċertifikat jekk tkun minn pajjiż fl-Ewropa trid 10 punti u jekk tkun barra mill-Ewropa trid 5 punti.

Kull stazzjon Malti jiswa punt, waqt li stazzjon minn Għawdex jiswa 2 punti.

Kuntatt ma' l-istazzjon tal-MARL, 9H1MRL, jiswa wkoll 2 punti

Jista' jkollok kuntatti ma' stazzjonijiet minn Malta jew Għawdex biss jew imħalltin flimkien, kif ukoll fuq frekwenza waħda jew aktar u b'mod ta' trasmissjoni wieħed jew aktar.

Fi kliem ieħor, tista’ tapplika għal ċertifikat għal fuq il-160 metru, 80 metru, 40 metru eċċ, jew imħalltin.

Tista’ tapplika wkoll, bħala eżempju, fuq CW, SSB, SSTV u kull mod ieħor individwali jew inkella mħalltin.

Tista’ tapplika għal ċertifikat, bħala eżempju, fuq il-160 metru CW, fuq il-160 metru SSB, u l-istess fuq kull frekwenza oħra.

Bl-istess mod, tistgħu tapplika għal ċertifikat fejn inti tkun kellimt in-numru ta’ stazzjonijiet meħtieġa fuq frekwenzi differenti b’mod ta’ trasmissjoni wieħed jew aktar. L-istess iċ-ċertifikat l-ieħor.

Iċ-ċertifikat l-ieħor huwa msejjah **“Dip Med Award”** u jista’ jinkiseb ukoll fuq frekwenza partikolari jew imħalltin.

Bl-istess mod jista’ jinkiseb għal modi differenti ta’ trasmissjoni jew imħalltin bħal ma jista’ jinkiseb iċ-ċertifikat l-ieħor.

Dan iċ-ċertifikat huwa dak li jidher hawn taħt.




Biex tikseb dan iċ-ċertifikat trid tkun tkellimt ma’ stazzjon minn Malta bilfors u ma’ 15-il stazzjon minn pajjiżi oħra minn madwar il-Mediterran.

Dawn huma n-nominattivi tal-pajjiżi minn madwar il-Mediterran. Tinsewx li ma dawn iridu jiżdiedu wkoll il-pajjiżi l-ġodda li ħarġu wara li sfaxxat il-Jugoslavja kif ukoll il-Palestina, E4.

**CN, EA, EA6, EA9, F, I, IS, IT, OD, SU, SV, SV5, SV9, T9, TA, TK, YK, YU, ZA, ZB, 3A, 3V, 4X, 5A, 5B, 7X, S5, 9A** u **9H.**

Biex wieħed japplika għal dawn iċ-ċertifikati jrid jibgħat lista ċertifikata ta’ kartolini QSL flimkien ma ħlas ta’ $10 Amerikan għall-Ewropa u $15 Amerikan barra mill-Ewropa.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill,

**Malta Amateur Radio League (MARL)**
**P.O. Box 575**
**Valletta**
**Repubblika ta’ Malta.**

Jekk ma jkunx hemm il-ħlas mitlub jew ma jkunx kollu l-applikazzjoni tiġi njorata.

## ***Kors tal-Kompjuter***

**Se jsir kors tal-kompjuter fiċ-Ċentru tal-MARL.**

**Dan se jkun kull nhar ta’ Ħamis filgħaxija.**

**Kull min irid jista’ jkellem lil Karmenu, 9H1AQ jew lil Paul, 9H1JT.**

**Iddumux għax dalwaqt se jibda.**

## Attivitajiet fil-MARL

**Miżata tas-Sħubija**
**Is-Segretarju Finanzjarju għadu qiegħed jistennikom biex tħallsu Lm10.00 tas-sħubija tagħkom għas-sena 2007.**

**Huwa jkun fiċ-Ċentru kull nhar ta’ Tlieta u l-Ħamis bejn is-6.00 p.m. u t-8.00 p.m. u nhar ta’ Ħadd bejn l-10.00 a.m. u l-12.00.**

**Narawkom**